MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 650/2010

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**vs**

**Jane ORSINI**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-17 ta' Mejju, 2010 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erba' mija u disghin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro (€490.58) wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' erba' mija u disghin ewro tmienja u hamsin centezmu (€490.58) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' internet rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuta.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

BL-ISPEJJEZ, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment, u BL-INTERESSI mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni”.

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata fis-26 ta’ Mejju, 2010 bit-talba odjerna.

Ra l-verbal tas-7 ta’ Dicembru, 2010 fejn it-Tribunal innota li r-risposta giet pprezentata *fuori termine*.

Ra **r-risposta tal-konvenuta** imressqa minnha fis-7 ta’ Dicembru, 2010 u li permezz taghha ecceppiet hekk:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici fil-konfront ta’ l-esponenti ma huwiex dovut, stante li l-attrici ma nghatat l-ebda servizz ta’ internet da parti tal-kumpanija attrici, stante li tali servizz kien difettuz.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni tas-socjeta attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici”.

Ra l-verbal tal-15 ta’ Mejju, 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

4. Illi mill-uniku xhieda mressqa f’din il-kawza u cioe dik ta’ **Maria Concetta Grixti**, permezz tal-affidavit, *credit controller* tas-socjeta attrici rrizulta li l-konvenuta fil-11 ta’ Dicembru, 2007 ghamlet kuntratt mas-socjeta attrici u ffirmat kuntratt numru 320118 ghal servizz ta’ *internet* li gie attivat bit-tariffa ta’ €13.86 kera fix-xahar. Ix-xhud tghid li pagamenti qatt ma saru minn meta twaqqaf dan il-kont u ghalhekk, is-socjeta attrici waqfet is-servizz fis-16 ta’ Settembru, 2008.

5. Fl-ahhar kont li gie generat, gie nkluz ukoll il-prezz tal-apparat li gie nstallat ghand il-konvenuta sabiex hija tinghata s-servizz. Dan l-apparat jammonta ghal €314.73 u peress li l-apparat ma giex ritornat lis-socjeta attrici allura l-prezz tieghu ghandu jithallas, tghid ix-xhud, mill-konvenuta.

6. Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-konvenuta li tghid li hija qatt ma uzat dan is-servizz ta' l-*internet* ghax kien difettuz, din ix-xhud tirribatti din l-allegazzjoni billi tghid li "*... skond is-sistema ta' Fault Handling tas-socjeta attrici dan qatt ma gie rrapurtat lilna*" (fol. 17).

7. Finalment, ix-xhud ikkonfermat li l-bilanc dovut lis-socjeta attrici mill-konvenuta ghar-rigward tas-servizz li nghatat kien ta' €490.58.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Illi s-socjeta attrici permezz ta' din il-kawza qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erba' mija u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€490.58) ghal servizzi ta' *internet* Min din is-somma €314.73 huma spejjez ta' l-apparat li s-socjeta attrici kienet tat lill-konvenuta biex tkun tista tuza s-servizz ta' l-*internet*, liema apparat baqa ma giex ritornat lill-istess socjeta attrici u r-rimanenti €175.85 huma dovuti ghall-kera fix-xahar ghall-uzu ta' dan is-servizz ta' *internet*.

9. Il-konvenuta minkejja li nghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, hija baqghet ma ghamlet u/jew resqet l-ebda prova.

10. Illi l-eccezzjonijiet li resqet il-konvenuta huma fis-sens li l-ebda ammont ma huwa dovut l-ghaliex hija qatt ma nghatat l-ebda servizz ta' *internet* l-ghaliex is-servizz kien difettuz. Il-konvenuta baqghet qatt ma resqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Da parti taghha s-socjeta attrici resqet provi konvincenti li jwasslu lit-Tribunal biex jiddikjara li hija ppruvat il-kaz taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€490.58) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont skond l-ghola rata permessa mill-ligi mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------